Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0045

Is-sitwazzjoni wara l-elezzjoni fl-Uganda u t-theddid kontra l-kap tal-oppożizzjoni Bobi Wine

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta’ Frar 2026 dwar is-sitwazzjoni wara l-elezzjoni fl-Uganda u t-theddid kontra l-kap tal-oppożizzjoni Bobi Wine (2026/2611(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 150(5) u l-Artikolu 136(4) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

A. billi l-elezzjonijiet fl-Uganda fil-15 ta’ Jannar 2026 kienu mtappna minn abbużi, restrizzjonijiet severi fuq l-ispazju ċiviku, intimidazzjoni mifruxa ta’ persunaġġi tal-oppożizzjoni, frodi, vjolenza, u blackout tal-internet fil-pajjiż kollu;

B. billi, skont ir-riżultati uffiċjali, il-President Yoweri Museveni ġie ddikjarat elett għas-seba’ mandat tiegħu fi proċess li naqas milli jissodisfa l-istandards demokratiċi fundamentali;

C. billi l-militar assedja r-residenza tal-mexxej tal-Pjattaforma Nazzjonali tal-Unità (NUP) u kandidat presidenzjali Robert Kyagulanyi (Bobi Wine), u allegatament attakka l-familja u l-persunal tiegħu; billi martu, Barbara Kyagulanyi, kellha tirriloka barra mill-Uganda;

D. billi fit-tħejjija għall-elezzjoni, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ġew sospiżi b’mod arbitrarju u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-kritiċi tal-gvern sfaw fil-mira, inkluża Sarah Bireete, li ġiet arrestata;

E. billi l-gvern wettaq repressjoni brutali tal-membri tal-oppożizzjoni, tal-ġurnalisti u tad-dimostranti, b’aktar minn 400 arrest arbitrarju qabel jum l-elezzjoni u mijiet oħra wara, b’rapporti ta’ tortura u trattament ħażin f’detenzjoni; billi fit-28 ta’ Novembru 2025, is-sostenitur tal-NUP Mesach Okello nqatel b’tiri ta’ arma tan-nar waqt dimostrazzjoni paċifika; billi l-mexxejja reġjonali tan-NUP allegatament għebu wara l-elezzjonijiet u għadhom neqsin;

F. billi Dr Kizza Besigye, persunaġġ li ilu żmien twil fl-oppożizzjoni ġie kkonsenjat b'mod straordinarju mill-Kenja, inżamm detenut għal aktar minn sena qabel l-elezzjonijiet, huwa marid serjament u allegatament miċħud mill-kura medika, u qed jiffaċċja proċess minħabba tradiment;

1. Jikkundanna bil-qawwa t-tmexxija tal-elezzjonijiet u r-repressjoni brutali tal-oppożizzjoni politika, tas-soċjetà ċivili, tal-ġurnalisti u tad-dimostranti; jikkundanna l-fastidju u t-theddid fil-konfront ta' Bobi Wine; jiddenunzja l-qtil ta' Mesach Okello;

2. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Uganda jtemmu l-vjolenza, it-theddid, il-fastidju u d-detenzjoni arbitrarja kollha ta' persunaġġi, attivisti u kritiċi min-naħa tal-oppożizzjoni, inklużi Bobi Wine u martu, jeħilsu minnufih u mingħajr kundizzjonijiet lil dawk kollha detenuti b'mod arbitrarju, inkluż Dr Besigye, jieqfu jirrikorru għal proċessi militari kontra ċ-ċivili, iwaqqgħu l-akkużi kollha politikament motivati, inkluż kontra Sarah Bireete, jiżvelaw b'mod urġenti fejn jinsabu l-persuni neqsin kollha, u jiżguraw il-ġustizzja u l-obbligu ta' rendikont, u jallinjaw il-prattiki ġudizzjarji mas-salvagwardji kostituzzjonali u l-istandards internazzjonali ta' proċess ġust;

3. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Uganda jtemmu s-sospensjonijiet arbitrarji tal-gruppi tas-soċjetà ċivili, joqgħodu lura minn kwalunkwe restrizzjoni ulterjuri fuq l-internet, u jwettqu riformi elettorali u istituzzjonali komprensivi, inkluż l-iżgurar tal-indipendenza tal-kummissjoni elettorali u tal-ġudikatura;

4. Jistieden lill-UE, lill-Istati Membri tagħha u lill-korpi reġjonali jinvolvu ruħhom b'mod kritiku mal-awtoritajiet tal-Uganda fir-rigward tal-ksur, filwaqt li jimmonitorjaw mill-qrib il-proċessi rilevanti;

5. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jirrieżaminaw il-kooperazzjoni mal-Uganda u l-assistenza li tingħatalha biex jiżguraw ir-rispett għall-prinċipji tal-UE, jimplimentaw sanzjonijiet immirati, u jipprijoritizzaw l-appoġġ għas-soċjetà ċivili, id-drittijiet tal-bniedem u d-difensuri tal-LGBTIQ+, u l-ġurnalisti;

6. Jitlob li jsiru investigazzjonijiet indipendenti u imparzjali dwar id-delitti kontra l-umanità mwettqa mill-mexxejja politiċi u militari tal-Uganda u minn pajjiżi Afrikani oħra;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-VP/RGħ, lill-Unjoni Afrikana u lill-awtoritajiet tal-Uganda.